**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 460/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**Vs**

**Anthony Borg**
**-Omissis-**

**Illum 27 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Anthony Borg bin Peter Borg u Vincenza neè Cassar, imwieled Birkirkara fil-21 ta' Frar 1983, residenti Nru.8, Triq Castelletti, Sliema, u/jew Nru.76, Frank Flat 2, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 260783(M), talli:

1. Nhar it-22 ta' Lulju 2019 bejn 10:45 hrs u 11:00hrs ikkommetta serq ta' iPad ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), minn ġewwa l-Isptar Mater Dei Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur għad-detriment ta' Mark Formosa;
2. Ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawn il-gżejjer laqa' iPad ta' l-għamla Apple misruq, meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħu jew jmexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli nhar il-21 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' l-ikel li l-valur jeċċedi mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) minn ġewwa l-istabbiliment LIDL li jinsab fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, u dan għad-detriment ta' l-operaturi tal-kumpanija LIDL u/jew ta' entitajiet u/jew persuni oħra;
4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar it-18 ta'

Lulju 2019, li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500);

5. Talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D. nhar il-5 ta' Marzu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Anthony Borg u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500) tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif provdut fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Anthony Borg bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 4 tal-proċess;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2019 a fol. 5 sa' 39 tal-proċess;

Rat li Anthony Borg iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' PS90 Jeffrey Gerada[2], ta' l-Ispettur Lydon Zammit[3], ta' Mr. Mark Formosa[4], ta' Marco Milovic[5], ta' Jonathan Aquilina[6] u ta' Ayrton Micallef[7] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn PS90 Jeffrey Gerada markati Dok. "GJ1" sa' Dok. "GJ8" a fol. 65 sa' 79 tal-proċess, id-dokument esebit minn Mr. Mark Formosa markat Dok. "MF" a fol. 85 tal-proċess u d-dokument esebit minn Ayrton Micallef markat Dok. "EM" a fol. 95 tal-proċess, rat id-dokument esebit mill-Prosekuzzjoni markat Dok. "GV" a fol. 96 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[8], rappreżentant ta' Transport Malta, ta' PS309 Brian Xuereb[9], ta' PS1300 Julian John Fenech[10] u ta' Keith Farrugia[11] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "TM" a fol. 100 sa' 105 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS309 Brian Xuereb markat Dok. "BX" a fol. 108 u 109 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS1300 Julian John Fenech markat Dok. "JF" a fol. 112 sa' 114 tal-proċess u d-

---

[1] Fol. 42 tal-proċess.
[2] Fol. 60 sa' 64 tal-proċess.
[3] Fol. 80 tal-proċess.
[4] Fol. 81 sa' 84 tal-proċess.
[5] Fol. 86 sa' 89 tal-proċess.
[6] Fol. 90 u 91 tal-proċess.
[7] Fol. 92 sa' 94 tal-proċess.
[8] Fol. 99 tal-proċess.
[9] Fol. 106 u 107 tal-proċess.
[10] Fol. 110 u 111 tal-proċess.
[11] Fol. 115 sa' 117 tal-proċess.

dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 118 sa' 121 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Lennox Vella[12] u ta' l-Ispettur Mario Xiberras[13] mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2019 u rat id-dokument esebit mill-Avukat Dottor Lennox Vella markat Dok. "LV" a fol. 124 sa' 149 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Mario Xiberras markati Dok. "MX1" sa' Dok. "MX9" a fol. 154 sa' 225 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer[14], ta' Censina Borg[15] u ta' PC1191 Jonathan Galea[16] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019, semgħet ix-xhieda ta' l-Assistent Kummissarju Stephen Mallia[17], ta' l-Assistent Kummissarju Ramon Mercieca[18] u ta' l-imputat[19], illi xehed limitatament dwar talba għall-ħelsien mill-arrest, mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019;

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 l-imputat iddikjara li ma għandux provi x'jressaq[20];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 264 sa' 270 tal-proċess u rat in-Nota Responsiva ta' l-imputat a fol. 272 sa' 280 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli: (1) nhar it-22 ta' Lulju 2019 bejn 10:45 hrs u 11:00hrs ikkommetta serq ta' iPad ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37, minn ġewwa l-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur għad-detriment ta' Mark Formosa; (2) ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawn il-gżejjer laqa' iPad ta' l-għamla Apple misruq, meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħu jew jmexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) ukoll talli nhar il-21 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' l-ikel li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37 minn ġewwa l-istabbiliment LIDL li jinsab fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, u dan għad-detriment ta' l-operaturi tal-kumpanija LIDL u/jew ta' entitajiet u/jew persuni oħra; (4) u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar it-18 ta' Lulju 2019, li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali ta' €8,500; u (5) talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr Joe Mifsud LL.D. nhar il-5 ta' Marzu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

[12] Fol. 123 tal-proċess.
[13] Fol. 150 sa' 153 tal-proċess.
[14] Fol. 236 u 237 tal-proċess.
[15] Fol. 238 sa' 243 tal-proċess.
[16] Fol. 244 u 245 tal-proċess.
[17] Fol. 256 tal-proċess.
[18] Fol. 257 tal-proċess.
[19] Fol. 258 u 259 tal-proċess.
[20] Fol. 261 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' €8,500 tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif provdut fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Titlob ukoll sabiex il-Qorti tittratta ma' Anthony Borg bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel u t-tieni akkuża:**

Kif appena osservat l-ewwel żewġ akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma li nhar it-22 ta' Lulju 2019 bejn 10:45 hrs u 11:00hrs ikkommetta serq ta' iPad ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37, minn ġewwa l-Isptar Mater Dei Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur għad-detriment ta' Mark Formosa w ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawk il-gżejjer laqa' iPad ta' l-għamla Apple misruq, meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħu jew imexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-mertu ta' dawn iż-żewġ akkużi l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lil PS90 Jeffrey Gerada, lil Mr. Mark Formosa, lil Censina Borg, lill-Ispettur Mario Xiberras u lil PC1191 Jonathan Galea.

**PS90 Jeffrey Gerada** xehed illi *fit-22 ta' Lulju ta' din is-sena, il-Pulizija kienet irċeviet rapport mingħand il-konsulent Dr. Mark Formosa li meta kien fil-Gynae green ward Mater Dei kienet insterqitlu bagalja li fiha kien hemm xi affarijiet fosthom mini iPad tad-ditta Apple. Jiena u l-Ispettur Mario Xiberras konna morna fuq il-post peress li sirna nfurmati li kien hemm il-cameras, ġbarna l-footage aħna personali minn Mater Dei fejn meta bdejna naraw il-footage kien irriżultalna li kien hemm żewġ persuni, waħda tas-sess femminili u l-oħra tas-sess maskili fejn dan tas-sess maskili kien ha bagalja li kienet dehret f'idejh. Jiena mix-xogħol tiegħi kont għaraft wieħed mis-suspettati li huwa Anthony Borg li qed nagħraf prezenti fl-Awla u nafu fix-xogħol tal-Pulizija. Wara li rajna l-filmat imbagħad fis-26 ta' Lulju 2019 kien ħareġ Mandat t'Arrest fuq il-persuna ta' Anthony Borg, I.D. Card 260783M, fejn dan ġie arrestat mir-residenza tiegħu. Mill-istess residenza kien ġie elevat flokk iswed tal-marka Nike li kien jidher fil-filmat li kien qiegħed bih, kif ukoll shorts ta' lewn abjad u dawn ġew elevati minni u kienet inħarġet irċevuta tagħhom. Kif għedt Anthony Borg ittieħhed is-CID u ġie investigat mill-Ispettur Mario Xiberras fejn ingħata d-drittijiet tiegħu, kif ukoll jekk iridx jikkonsulta ma' avukat fejn dan kien irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat. Ġie mitkellem, urejnieh il-filmat, kien qalilna li dak kien huwa li kien għaddej minn hemmhekk flimkien ma' ommu fejn huwa kien ra dan il-baskett fejn imbagħad ommu qaltlu biex jieħdu. Fil-fatt fil-filmat kif spjegajt u għandi wkoll screen shots tal-filmat meħuda mill-istess footage fejn fit-22 ta' Lulju jidhru Anthony Borg kif ukoll il-mamà tieghu għaddejjin mill-Gynae green ward fejn Anthony Borg jidher bil-bagalja li kienet ġiet irrappurtata misruqa. Minn hemmhekk komplejna rajna l-filmat u kien irriżultalna li l-bagalja*

*kienet instabet fil-lift minn persuna li kienet taħdem l-isptar. Qed nipprezenta stills mehuda mill-filmat*[21]*. ... Qed nippreżenta wkoll irċevuta*[22] *tal-flok li kien ittieħidlu u tas-shorts ta' kulur abjad li kienu jidhru fil-filmat ta' Anthony Borg. Qed nagħraf il-firma tiegħi, il-firma ta' l-Ispettur Mario Xiberras kif ukoll il-firma ta' Anthony Borg. L-Ispettur baqa' jkellem lil Anthony Borg rigward il-bagalja u t-tablet fejn huwa kien baqa' jinnega li ma kien ħa xejn mill-bagalja però kien irriżulta li mill-bagalja li kienet instabet fil-lift kien instab iPad tal-marka Apple li kien nieqes. Meta Anthony Borg kien qalilna li kien mal-mamà tiegħu, ġiet mitkellma Censina Borg, I.D. Card 328960M, fejn ingħatat is-soltu twissijiet u drittijiet tagħha u hija għażlet li ma tkellimx u tikkonsulta Avukat għall-parir legali. Wara li ġiet mitkellma, din kienet qaltilna li għall-ewwel bdiet tiċħad però imbagħad qaltilna li id-dar għandha iPad u aħna fil-fatt konna morna d-dar tagħha f'numru 76, Flat 1, Triq il-Gifen, Qawra, fejn minn hemmhekk għaddietilna iPad tal-marka Apple. Ġie ċċekjat is-serial number tal-iPad li għaddietilna hi, mas-serial number li kien għaddielna l-vittma, fejn dan qabel mas-serial number tal-iPad li kien misruq. Qed nippreżenta riċevuta tas-26 ta' Lulju li ngħatat lil Censina Borg rigward l-iPad li ġie elevat minni stess*[23]*. ... Rigward is-serqa kif spjegajt Anthony Borg kien qal illi ma kien ħa xejn imma mbagħad meta kellimna lill-mamà tiegħu qaltilna li fetħu l-bagalja, raw x'kien fiha, raw l-iPad u hija ħaditu però kien għaddiehulha Anthony Borg. Imbagħad kienu ħallew il-bagalja hemmhekk u telqu bl-iPad lejn id-dar*[24].

**Mark Formosa**, l-allegat vittma, iddikjara li: *fit-22 ta' Lulju jiena kont għaddej mill-foyer fis-sezzjoni green fejn naħdem l-isptar Mater Dei u rajt kollega li kelli bżonn inkellem u waqaft biex inkellmu. Hu kien impenjat mas-segretarja allura sakemm stennejt, niżżilt il-valigga ma' l-art u dort biex inkellmu, ma jidhirlix li domt ħafna u kif dawwart wiċċi l-valigga ma rajthiex iktar. ... dan hemm reception area fejn hemm is-segretarji u l-kollega tiegħi kien mas-segretarji u jiena kont qiegħed barra l-uffiċju għax huwa enclosed qiegħed u hemm bieb u jiena kont qiegħed mal-bieb ta' din ir-reception area.* Huwa ddikjara li dan kien għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs jew il-ħdax u kompla jixhed illi *ndunajt li ġiet nieqsa il-valigga, għajjat l-attenzjoni ta' min kien preżenti, għamlu rapport lis-security, u xi ftit mumenti wara ġie tabib li rritorna l-valigga għax fetaħha, ra ismi fuq il-card u jaf liema sezzjoni naħdem u rritorna fejn kont qieghed. ... qal li sabha go lift. ... Fis-sezzjoni green, kienet mitluqa go lift.* Dwar l-apparenza tal-bagalja in kwistjoni, x'kien hemm fiha u dwar x'sab nieqes minnha Mr. Mark Formosa iddikjara li *qisha ftit ikbar minn ring file, tal-gilda, kannella, satchel normali. Kelli karti u biros, xi cwievet ta' l-ufficju u kelli iPad. ... Meta rritornaha t-tabib, dortha u sibt l-iPad nieqes. ... L-affarijiet l-ohra kienu hemm*[25]. Muri r-ritratti a fol. 24 sa' 27 tal-proċess Mr. Mark Formosa għaraf l-iPad tiegħu u l-cover ta' l-istess. Apparte minn hekk huwa ppreżenta riċevuta[26] li turi diversi dettalji dwar l-iPad u l-cover in kwistjoni, fosthom is-serial number ta' l-istess iPad.

---

[21] Dok. "GJ1" a fol. 65 sa' 72 tal-proċess.
[22] Dok. "GJ2" a fol. 73 tal-proċess.
[23] Dok. "GJ3" a fol. 74 tal-proċess.
[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 60 sa' 64 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 81 sa' 84 tal-proċess.
[26] Dok. "MF" a fol. 85 tal-proċess.

**L-Ispettur Mario Xiberras** xehed illi *fit-22 ta' Lulju tas-sena 2019 għall-ħabta tal-ħdax u nofs u ħames minuti sar rapport fl-Għassa ta' l-Imsida mill-konsulent Mr. Mark Formosa bl-ID card number 196160(M), li huwa Konsulent fl-isptar Mater Dei fil-green ward, fejn irrapporta li bejn il-10:45a.m. u l-11:00a.m. kellu bagalja ta' kulur kannella ħdejn l-uffiċċju tal-green ward u ftit minuti wara ma sabx din il-bagalja. Irrapporta wkoll li ftit wara, il-bagalja kienu sabuha fil-lift iżda l-iPad li kien hemm ġo fiha tal-għamla Apple li qiegħed a fol. 26 kien nieqes. Il-valur ta' dan l-iPad kien ta' €750. Mill-investigazzjoni li għamilt jiena flimkien mas-Surġent PS90 morna fuq il-post jiġifieri l-Isptar Mater Dei, tlabna s-CCTVs lis-security ta' l-isptar fejn nhar it-22 ta' Lulju ta' din is-sena għall-ħabta ta' 10:46a.m. jidher biċ-ċar li kien hemm 2 persuni – wieħed ta' sess maskili u waħda ta' sess femminili – u wieħed minnhom għaraftu li kien Anthony Borg bl-ID card number 260783(M), li qed nagħraf hawnhekk fl-awla fejn dan deher jittawwal minn ġo bieb li ġo fih kellu l-hġieġa, ittawwal, daħal minn ġo dan il-bieb fejn daħal b'xejn f'idejh (battalin) u reġa' hareġ minn dan il-bieb bil-bagalja kannella f'idu. Dakinhar kellu takkumpanjah mara li mill-investigazzjonijiet li għamilt kienet ommu Censina Borg bl-ID card number 328960(M). … Fis-26 ta' Lulju inħareġ mandat mill-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Caroline Farrugia Frendo rigward dawn ir-rapporti u dakinhar stess għall-ħabta ta' 12:00p.m./12:30p.m. PS90 u PC1191, li huma xogħol miegħi, arrestaw lil Anthony Borg mill-flat fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, kien ġie l-uffiċċju tieghi, konna ħadnielu l-intervista, qabel ma ħadnielu l-intervista ġie mgħarraf bid-drittijiet legali tiegħu fejn dakinhar kien irrifjuta li għall-waqt u qabel l-interrogazzjoni kien irrifjuta li jkellem lill-avukat tal-għażla tiegħu. Aħna konna ħadnielu d-dikjarazzjoni wkoll. Is-Sur Anthony Borg kien irrilaxxa stqarrija rigward dawn ir-rapporti li jiena ippreżentajt u li qiegħda a fol. 22A. Jiena kont staqsejtu rigward is-serqa tal-baskett mill-green ward fl-isptar tal-gynae ward u hu kien qal illi kien għaddej minn ġol-kuritur, kien ra l-bagalja, beda jgħid li l-ewwel li kienet ratha kienet ommu, kien ittawwal minn ġol-hġieġa tal-bieb u ra l-baskett u ħadu. Fil-lift fetaħ dan il-baskett, ma kien hemm xejn ta' interess għalih u li kien hemm xi dokumenti u l-iPad. L-iPad qal li kien tah lil ommu u hu qal li ma kien ħa xejn*[27].

**PC1191 Jonathan Galea** xehed illi: *fis-26 ta' Lulju jiena kont qiegħed xogħol flimkien mal-Ispettur Xiberras u mas-Surġent 90 fejn l-Ispettur tana istruzzjonijiet sabiex immorru għal Anthony Borg li qiegħed nagħraf hawnhekk fl-awla minħabba li kienet għaddejja investigazzjoni rigward serq ta' tablet li kien ta' l-għamla Apple. Aħna morna fuq il-post fejn kien hemm Anthony Borg ukoll preżenti, infurmajnieh li jinsab arrestat, is-Surġent urieh il-mandat u kif ukoll taħ id-drittijiet tiegħu. Aħna għidnielu wkoll illi kienet se ssirlu tfittxija fir-residenza fejn joqgħod. It-tfittxija saret fir-residenza ta' Anthony Borg fejn irriżulta kollox fin-negattiv. It-tablet ma nstabx u ma nstab xejn relatat ma' dan il-każ. Kif morna flimkien ma' Anthony fid-depot tal-Pulizija dan ġie mitkellem mill-Ispettur u beda jgħidilna illi jista' jkun li kien hemm ommu mdaħħla fil-każ. Għalhekk aħna bgħattna għal ommu fejn immedjatament kif ġiet ommu qaltilna illi t-tablet kien jinsab għandha għaliex kien għaddihulha t-tifel tagħha. Dak il-ħin aħna morna u għamilna tfittxija fir-residenza ta' ommu li hija Censina Borg fejn din x'ħin immedjatament dħalna fil-flat qaltilna li nistgħu ma nfittxu mkien għaliex it-tablet kien qiegħed fil-kċina. Morna fil-kċina*

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2019, fol. 150 sa' 153 tal-proċess.

*u x'ħin sibna t-tablet qaltilna li dak kien taħulha t-tifel tagħha għaliex jaf li hi kienet dilettanta tal-gadgets. Dak il-ħin aħna ħadna t-tablet, saret tfittxija fil-post ħalli naraw jekk hemmx xi ħaġa oħra relatata ma' din is-serqa li ma kien hemm xejn aktar, morna lura d-depot tal-Pulizija u għaddejna kollox lill-Ispettur*[28].

**Censina Borg** xehdet illi: *jiena u t-tifel konna morna l-isptar biex naraw pazjenta ħabiba tagħna u ma kinitx hemm. Aħna u deħlin fl-Obstetrics ward rajna baskett mal-art waħdu (qisu bħal satchel kannella kien) u kif dorna lura fettilli għidtlu lit-tifel ġibu forsi fih xi ħaġa tal-flus. Jiena għandi lit-tifel bil-problema tad-droga, jiena ngħix bir-relief ġieli lanqas flus għalija ma jkolli biex ngħaddi u t-tifel ġabu dan il-baskett. It-tifel kien għadu kemm ħa l-methadone għaliex wassaltu St. Luke's biex jeħodha. X'ħin konna għadna d-dar qabel ma tlaqna bela' xi 4 pirmli tas-Salib u lanqas kien jaf x'qiegħed jagħmel. Is-satchel ħadu mill-isptar fejn kien u x'ħin dħalna fil-lift u fetħu u għidtlu ara karti biss fih jaħasra. ... Fil-lift ta' viċin tal-floor 1. Jaħasra biex kien fih ftit karti u kien hemm iPad zgħir jew tablet ma nafx x'kien. Jiena għidtlu ġibu ħa nieħdu ħalli noqgħod nilgħab fuqu dak. Lanqas biss ġietni ġo moħħi illi jkun bil-password dak għaliex jiena ma nifhimx fit-teknologija. Jiena naf illi dawk l-affarijiet ma jistgħux jinbiegħu għaliex illum bid-data track mill-ewwel isibuhom. Imbagħad inżilna floor 0 biex noħorġu 'l barra ħalli mmorru d-DDU biex naraw jekk għadhiex hemm għaliex il-pazjenta kienet ħierġa mid-DDU għall-vista tal-pregnancy għaliex it-tfajla tiegħu kienet din li konna sejrin naraw u x'ħin inżilna fi floor 0 erġajt għafast in-number 1 biex il-baskett jerġa' jitla' fl-istess floor fejn kien ħalli min isibu jagħtihulu malajr u tlaqna 'l barra. Imbagħad mort id-dar biex nipprova nara kif nixgħelu u kif xgħeltu jgħidlek li ried il-password u waddabtu hemm fuq il-cupboard tal-kċina. Kieku għaddiet ġimgħa oħra wara naħseb kien jispiċċa fid-dustbin għaliex la naqla' l-kċina mbagħad narmi kollox li kien hemm żejjed għaliex għalija ma kienx ta' użu la ma tistax tilgħab fuqu.* Fir-rigward tal-bagalja in kwistjoni u l-mod kif skontha din ittieħdet Cesina Borg xehdet: *qisha satchel kannella. ... Kien hemm bieb imma kien parti minn kuritur il-bieb. ... Jiena ttawwalt u t-tifel mar iġibu. Imma waħdu kien dak il-baskett mingħajr osservazzjoni ta' xejn. Kien waħdu fil-kuritur ma' l-art*[29].

In kontro-ezami għall-mistoqsija *Sinjura, ngħid sew li l-ewwel darba li ntlemaħ il-baskett rajtu inti?* Censina Borg wieġbet *iva jiena rajtu.* Għall-mistoqsijiet: *inti għidtilna li t-tifel tiegħek kien għadu kemm ħa l-Methadone hux hekk?* u *inti aware ta' kemm dożi kien qed jieħu mingħand it-tabib jekk jogħġbok?* Censina Borg wieġbet *iva hekk hu u iva naf 19.95.* Għall-mistoqsijiet ulterjuri *mill-esperjenza tiegħek ovvjament mhiex xhud esperta, kif ġab ruħu dakinhar qabel ma mortu l-isptar it-tifel tiegħek? L-umur tiegħu jew l-atteġġjament tiegħu kif kien?* Censina Borg wieġbet *kien kollu għaraq u bilfors irrid insuq jiena għaliex ma jkunx f'sensih li jsuq.* Mistoqsija dwar x'ġara dakinhar li kienu l-Isptar Mater Dei fil-Green Ward, Censina Borg iddikjarat li kienet hi li qalet lill-imputat biex jieħu l-baskett. Ippreċiżat li *mhux ordni imma għidtlu biex iġibu ħalli forsi naraw jekk fihx xi ħaġa tal-flus meta rajtu waħdu hemmhekk il-baskett.* Mistoqsija *kien għadu b'dan l-umur li għidt inti qabel hux hekk? Jiġifieri kien għadu taħt l-effett ta' dawn il-pilloli hux hekk?* Censina Borg wieġbet *konna għadna ġejjin minn St. Luke's mid-detox.* Għall-

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019, fol. 244 u 245 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019, fol. 238 sa' 243 tal-proċess.

mistoqsija *kemm kien għadda ħin bejn wieħed u ieħor?* hija wieġbet *ftit kien għadda ħin, forsi 10 minuti. Lanqas kienet għadha bdiet taħdem il-methadone żgur għaliex dik ġieli ddum xi nofs siegħa imma jiena ma nifhimx fid-droga.* Mistoqsija mill-Qorti *jiġifieri meta inti għidtilna illi jkun kollu għaraq u ma setax isuq ecc dak qabel jew wara li jieħu l-methadone?* Censina Borg wieġbet *qabel ma jieħu l-methadone* u għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti *mbagħad wara li il-methadone tibda tieħu effett kif ikun?* hija wieġbet *imbagħad jigi allright, jiġi normali. Imma jrid nofs siegħa jew tliet kwarti.* Għall-mistoqsija tad-Difiża *jiġifieri nikkonfermaw li jrid il-ħin biex jerġa' jiġi għan-normal hux hekk?* Censina Borg wieġbet *iva mela użgur li jrid il-ħin*[30].

Censina Borg saħqet li kull ma għamel l-imputat kien li jieħu l-baskett u *lanqas għaddihuli lili għaliex żammu f'idu, dħalna fil-lift, ra illi fih ftit karti, tella' dan it-tablet u ħadtu jiena u qalli dan ħa nħallih hawnhekk u waddbu hemmhekk. ... Għidtlu biex inħalluh hemmhekk għaliex ma kellniex x'nambuħ ħalli jerġa' jsibu sidu. In fatti meta l-ispettur urieli l-video minn 10:46 għal 10:49 il-ħin kien ta' filgħodu. ... Ħallejtu fil-lift mal-ħajt. ... It-tablet ħadtu.* Mistoqsija *u min ħadu t-tablet jekk jogħġbok? Censina Borg wieġbet jiena ħadtu t-tablet.* Mistoqsija *u minn dakinhar li ħadtuh intom tkellimtu bejnietkom fuq din il-ħaġa?* hija wieġbet *qisu ma ġara xejn. ... Le, in fatti dan kien it-Tnejn u l-Ġimgħa bagħtu għalina l-pulizija. jipifieri qisu ma ġara xejn. In fatti kieku damu sat-Tnejn ta' wara naħseb kien jispiċċa fid-dustbin għaliex ma kienx ta' użu għalija u dawn l-affarijiet ma tistax tbiegħhom, lanqas mobile ma tistax tbiegħu*[31].

Dwar x'inhuma l-elementi neċessarji biex jissussisti r-reat ta' serq il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *our Courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo di farne lucro.* Minn din id-definizzjoni għalhekk jirriżulta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' serq huma, hekk kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Vella, Każ Nru. 46/12** deċiża fid-19 ta' Novembru 2015: *(a) il-contrectatio tal-ħaġa, (b) li tappartjeni lil terzi, (ċ) magħmula b'mod frawdolenti, (d) mingħajr il-kunsens tas-sid u (e) animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terżi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi ippruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċettazzjoni mhux biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u lucri faciendi gratia. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi ppruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposta essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġetta ma jistax jinstab ħati ta' serq, se mai, ta'*

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019, fol. 238 sa' 243 tal-proċess.
[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019, fol. 238 sa' 243 tal-proċess.

*misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif ġia ġie spjegat fil-kawża Il-Pulizija v. S. Pisani - deċiża nhar id-dsatax ta' Frar 1942, il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contrectatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew kommodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvenga che per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso.*

Dwar l-element ta' l-*animo lucrandi*, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clifford Camilleri, Każ Nru. 209/11** deċiża fis-7 ta' Jannar 2013, osservat illi: *dwar il-ħames element, dak intenzjonali, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali* [Pulizija v. John Galea, deċiża fil-31 ta' Jannar 2003] *stabbiliet li: Issa kif ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna l-intenzjoni li tagħmel xi qligħ tikkostitwixxi l-intenzjoni speċifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wieħed jiehu l-oġġett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qligħ. Kif jgħid il-Carrara [op. cit. Vol. 1 para. 2035]: 'il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui" u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso" u l-Crivellari jgħid:- "L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce già col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare. Il-Professur Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958, Vol. II p. 305] jispjega hekk:- The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus 'lucrum' in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self…" u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para 1843 jgħid:- "il profitto … deve intendersi così nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell'ampio senso della parola" u aktar 'l isfel:- "… per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che può ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso." U imbagħad il-Cassazione ta' Ruma wkoll irriteniet li:- "Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata" [21 Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p. 140].*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Tonna, Każ Nru. 502/10** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Jannar 2013, ġie ulterjorment osservat illi: *fuq dan l-element* [ossia dejjem l-element ta' l-animo lucrandi] *il-Professur Mamo jelabora illi: "it suffices that the purpose of deriving a gain the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised … Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) … the crime of theft juridically continues to subsist, in as much as the 'animus lucrandi' was present at the time of appropriating the thing.*

*Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases".*

Meta l-fatti ta' dan il-każ partikolari kif riżultanti mill-provi prodotti jiġu ikkunsidrati fid-dawl-prinċipji ġuridiċi hawn appena ċitati, jirriżulta li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat ta' serq.

Ma hemm l-ebda dubju li meta fit-22 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 10:45a.m. l-imputat flimkien ma' ommu Censina Borg kien għaddej mill-kuridur tal-Green Ward ġewwa l-Isptar Mater Dei, huwa ħa l-bagalja appartenti lil Mr. Mark Formosa li dak il-ħin kienet impoġġija, iżda mhux abbandunata, ma' l-art sakemm l-imsemmi konsulent kien qed ikellem kollega tiegħu f'uffiċċju f'dak il-kuridur. Lanqas ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-bagalja ttieħdet mill-imputat mingħajr il-kunsens ta' Mr. Mark Formosa. Fil-fehma tal-Qorti anke l-animo lucrandi jirriżulta b'mod ċar ħafna stante l-bagalja ttieħdet proprio bl-intenzjoni u skop li l-imputat u ommu jaraw jekk fiha jsibux flus li jistgħu jittieħdu minnhom. Għalkemm ma sabux flus l-imputat u ommu ħadu l-iPad li kien hemm fil-bagalja stante li għalihom dan kien l-iktar ħaġa ta' valur. Għad illi Censina Borg tiddikjara li l-imputat għaddielha l-iPad bl-iskop li tagħmel użu minnu hi biss in kwantu hija dilettanta tal-gadgets elettroniċi u fi kwalunkwe każ l-istess iPad skontha ma setgħax jinbiegħ minħabba d-data tracking, xorta waħda jirriżulta l-vantaġġ illeċitu li l-imputat, u anke Censina Borg, riedu jieħdu minn tali iPad. Apparte minn hekk, kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Balzan, Appell Nru. 335/14** deċiża fis-26 ta' Marzu 2015: *meta l-awturi jitkellmu dwar profitt ġej mis-serq dan qed jgħiduh bl-aktar mod wiesgħa tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji iżda biżżejjed ikun fl-aktar termini ġeneriċi ta' gwadann, liema gwadann m'għandux għalfejn ikun personalment tal-persuna konċernata iżda anke għal ħaddiehor* ... Il-fatt ukoll li l-bagalja tħalliet fil-lift bl-iskop li forsi din tinstab u tiġi ritornata lil sidha, kif fil-fatt ġara, u l-iPad irriżulta ta' ebda utilità għalihom in kwantu *password protected* u eventwalment ġie rintraċċjat u elevat mill-Pulizija, wkoll ma jbiddel xejn mill-fatt li l-imputat wettaq ir-reat ta' serq.

Censina Borg issostni li kienet hi li xprunat jekk mhux addirittura dderiġiet lill-imputat biex jieħu l-bagalja ta' Mr. Mark Formosa u li kienet hi li qalet lill-imputat biex jagħtiha l-iPad u jgħaddih lilha, iżda dan kollu ma jbiddel assolutament xejn mill-ħtija ta' l-imptut għat-twettiq tar-reat ta' serq. In effetti anke jekk inhuwa veru li l-imputat ma aġixxiex minn jeddu iżda biss fuq suġġeriment jew istruzzjonijiet ta' Censina Borg, mill-provi prodotti kjarament jirriżulta li huwa kien jaf l-intenzjoni kriminuża ta' Borg għat-teħid tal-bagalja nonche ta' l-iPad li kien hemm fiha, u b'hekk kien ben konsapevoli li l-atti minnu esegwiti, anke jekk fuq inkarigu ta' ħaddieħor, kienu jikkostitwixxu reat kriminali li hu għadda biex iwettaq ciò nonostante.

L-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur li a tenur ta' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jissussiti meta *l-ħaġa misrqua tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).* Naturalment biex dan l-aggravju partikolari jissussisti jeħtieġ li ssir il-prova relattiva, liema prova tirriżulta mid-dokument Dok. "MF" esebit minn Mr. Mark Formosa a fol.85 tal-proċess. L-imsemmi dokument huwa l-irċevuta relattiva għall-akkwist ta'

iPad mini in kwistjoni u l-cover tiegħu u minnha jirriżulta li l-iPad mini jiswa' €482.20 u li l-cover li kien fih jiswa €25.42, għall-valur komplessiv ta' €507.62. B'hekk l-imputat huwa effettivamebt ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur skond l-Artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tagħha Censina Borg tiddikjara li dakinhar tat-22 ta' Lulju 2019 fil-ħin li hi u l-imputat kienu l-Isptar Mater Dei u senjatament fil-ħin li ttieħdet il-bagalja ta' Mr. Mark Formosa, l-imputat ma kienx f'sikktu għaliex kien taħt l-effett ta' xi pilloli li ħa Qabel ma ħarġu mid-dar biex marru d-Detox Centre. L-imputat jipprova jagħmel kapital minn din id-dikjarazzjoni ta' Censina Borg billi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu - iżda mhux qabel tul il-kors tal-proċeduri - jikkontendi li minħabba li kien għadu kif ħa l-metahdone dakinhar f'dak il-ħin ma kellux il-kapaċità di *intendere e volere*, kapaċità meħtieġa għall-fini li tinstab responsabilità kriminali fih għar-reat minnu mwettaq. Fir-rigward l-imputat jissottometti s-segwenti: *illi l-imputat qatt ma ċaħad li kien fuq il-post jew li b'xi mod huwa ma żammx il-baskett mertu tal-każ (f'xi mumenti f'idejh) iżda dejjem sostna li tali azzjoni għamilha fuq ordni ta' ommu, injot mill-fatt li tali azzjoni setgħet b'xi mod tirriżulta f'xi delitt; Illi omm l-imputat ukoll xehdet f'dawn il-proċeduri, u kienet skjetta ħafna f'dak li qalet u cioè li kienet fuq ordni tagħha bħala omm l-imputat li is-Sur Borg ġabar il-baskett u għaddieh lil ommu; Illi filwaqt li ta' l-allegat reat ix-xhud Censina Borg, li qiegħed jiġi rilevat li kienet xhud tal-prosekuzzjoni, tgħid li l-imputat dak il-mument kien taħt l-effett tal-mediċina kontra d-dipendenza tiegħu tad-droga; Illi filwaqt li huwa minnu li xhud Censina Borg ma hijiex espert tal-Qorti, kwindi, ma tistax toffri opinjoni teknika, però indubbjament taf lil binha, u tista' tesprimi bħala fatt dak li esperjenzat personalment, fejn qalet li dakinhar (bħal dejjem) kien ingħata doża kemm xejn qawwija tal-mediċina tant li kien diffiċli għalih li jsuq il-vettura; Illi l-esponenti jemmen li rigwardanti l-istat mentali ta' l-imputat, il-prova rikjesta mill-Liġi, u cioè dik tal-probabbli ġiet milħuqa stante li hekk kif ingħad qabel, is-Sinjura Borg kienet xhud tal-prosekuzzjoni u qalet dan in eżami minn jeddha bil-konsegwenti legali kollha, kwindi l-esponent umilment jemmen li ma hemmx dubju li kienet qegħda tgħid il-verità; Illi konstatat dan kollu, mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma hemmx is-serħan tal-moħħ li Qorti għandha jkollha sabiex issib ħtija, stante li ma jistax jiġi pruvat l-element formali tar-reat meta wieħed jagħmel aċċenn għall-istat mentali ta' l-esponent, kif ukoll l-ordni minn persuna oħra, li persuna mhux terza iżda omm l-imputat*[32].

Fil-fehma tal-Qorti però tali affermazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet ta' l-imputat huma fattwalment u ġuridikament insostenibbli.

L-Artikolu 34 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li *bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sokor* - li a tenur tas-subartikolu (5) ta' l-istess artikolu tal-Liġi jinkludi l-istat li jġibu n-narkotiċi u d-drogi - *ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali.* Dan l-artikolu tal-Liġi jipprovdi għal żewġ eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali u cioè li *s-sokor jista' jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali kemm-il darba minħabba f'hekk il-persuna akkużata, fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-egħmil*

[32] Para. 3 sa' 8 tan-Nota Responsiva ta' l-intimat, fol. 276 tal-proċess.

*doluż jew negliġenti ta' persuna oħra jew il-persuna akkużata, minħabba sokor, kienet fi stat ta' ġenn, temporanejament jew xort' oħra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas.* Is-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdu ulterjorment illi *jekk l-eċċezzjoni taħt is-subartikolu (2) tiġi ppruvata, il-persuna akkużata, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (a), tiġi lliberata u, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (b), jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 620 sa' 623 u 625 sa' 628. L-istat ta' sokor għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna akkużata kenitx ifformat l-intenzjoni, speċifika jew xort' oħra, li mingħajrha ma kenitx tkun ħatja ta' reat.*

Meta l-fatti tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta b'mod ċar ħafna li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jiġi lliberat mill-ewwel u/jew tieni akkuża dedotti fil-konfront tiegħu u lanqas ma għandu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena eventwalment imposta fuqu. Jibda biex jiġi osservat illi jekk l-imputat verament kien taħt l-effett tal-methadone u/jew ta' xi droga oħra, dan ma kienx sarx bl-egħmil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra. In kwantu rigwarda t-tieni eċċezzjoni għar-regola ġenerali, ma għandux ikun hemm dubju li l-allegat stat ta' ġenn temporaneju għandu jiġi ppruvat mill-imputat, prova li fil-każ in eżami assolutament ma saritx. In effetti l-unika prova, jekk tista' tissejjaħ hekk, dwar l-istat mentali tiegħu li jistrieħ fuqha l-imputat hija appuntu x-xhieda ta' ommu Censina Borg, li ma hijiex espert fil-kamp in kwistjoni u li kjarament bix-xhieda tagħha ppruvat taddossa fuqha l-htija assoluta tar-reat imwettaq fit-22 ta' Lulju 2019 biex tipprova tiskaġuna lil binha minn kull ħtija. Il-fatt li Censina Borg kienet xhud tal-Prosekuzzjoni ma jfissirx li l-Qorti għandha awtomatikament temmen dak minnha dikjarat partikolament meta, jiġi ribadit, kienet qed tipprova tiskaġuna lil binha l-imputat minnu kull ħtija għar-reat in kwistjoni.

Għaldaqstant jiġi ribadit li mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur.

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' riċettazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti din l-akkuża tressqet b'mod alteranttiv għall-ewwel akkuża ta' serq aggravat bil-valur imressqa fil-konfront ta' l-imputat u peress illi qed issib lill-imputat ħati ta' tali l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, tqis li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża, alternattiva għall-ewwel waħda, dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tielet akkuza:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fil-21 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' l-ikel li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 minn ġewwa l-istabbiliment LIDL li jinsab fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, u dan għad-detriment ta' l-operaturi tal-kumpanija LIDL u/jew ta' entitajiet u jew ta' persuni oħra.

Fir-rigward ta' tali akkuża l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lil PS90 Jeffrey Gerada, Marco Miolvic, Jonathan Aquilina, Ayrton Micallef, Stephen Cachia, PS1300 Julian John Fenech, Keith Farrugia u l-Ispettur Mario Xiberras.

**PS90 Jeffrey Gerada** xehed illi *waqt li konna qed ninvestigaw* [is-serqa mill-Isptar Mater Dei a detriment ta' Mr. Mark Formosa] *imbagħad sirna nafu li kien hemm żewġ serqiet mil-Lidl tal-Mosta, irrappurtata fil-21 ta' Lulju ta' din is-sena. Dan mil-Lidl Supermarket ta' Triq id-Difiza Ċivili, Mosta. Konna kellimna lis-security li huwa Mark Milovic li dakinhar kien duty fejn dakinhar kien qalilna li kien waqqaf persuna għax kien ħiereġ b'xi baskett li kien fih xi laħam u meta talbu l-irċevuta, dan qallu li l-ewwel kien ramiha fid-dustbin u meta baqa' jinsisti s-security li ħa jinforma lill-Pulizija, din il-persuna qabdet u ħalliet il-baskett hemm u telqet 'l hemm. Is-security qalilna wkoll li mar warajha għax kienet ħa tirkeb ġo karozza u ħa wkoll ritratti u tana n-numri tal-vettura li huma DCJ493. Din iċċekjajnieha aħna u tgħajjat lil Anthony Borg, l-istess persuna li qed nagħraf hawnhekk jiena fejn ġie mitkellem u spjega li kien qiegħed ma' ommu dakinhar però meta ġiet mitkellma ommu, din kienet ċaħdet li kienet miegħu. Milovic kien qalilna wkoll li xi ġimgħat qabel, l-istess persuna kienet marret ukoll fl-istess stabbiliment tal-Mosta, l-Lidl, fejn kellu xi tliet basktijiet li l-istess ipprova joħroġ bihom. Jiena kont kellimt lis-security Milovic fejn urejtu diversi ritratti fosthom ta' Anthony Borg, fejn dan kien għaraf lil Anthony Borg fil-lista ta' ritratti li konna wrejnieh. … Iva taż-żewġ serqiet kien qalilna li kienet l-istess persuna li kien ipprova joħroġ bil-basktijiet.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *qed nifhmek sew però li l-basktijiet telaqhom hemm u telaq mingħajrhom?* PS90 Jeffrey Gerada wieġeb: *iva is-security ma ħalliehx joħroġ bihom. Jiena mort ma' l-Ispettur Mario Xiberras fuq il-post tax-xogħol ta' Milovic fejn kont urejtu d-disa' ritratti fosthom tas-suspettat Anthony Borg, fejn huwa kien għaraf mal-ewwel lil Anthony Borg bħala il-persuna fiż-żewġ okkażżjonijiet. Huwa kien iffirma fejn ir-ritratt tiegħu u d-data hija 4 ta' Awwissu 2019*[33]*. … Qed nippreżenta wkoll ritratt tal-baskett tat-tieni serqa li kien qed jipprova joħroġ Anthony Borg*[34]*. … Dan ħadu Milovic bil-mobile tiegħu u għaddiehom lili fuq whatsapp u jiena pprintjajthom. … Qed nippreżenta wkoll tliet ritratti tal-vettura, li jidher in-number plate DCJ493 li kif spjegajt il-karozza hija reġistrata fuq Anthony Borg u wkoll il-persuna Anthony Borg li jiena għaraftu qed isuq il-vettura u qed jitlaq minn fuq il-post*[35]*. … Dawn ittieħdu wkoll minn Milovic is-security huwa u sejjer, għaddiehom lili fuq whatsapp u jiena pprintjajthom. … Kont kellimt lill-manager Ayrton Micallef fejn rigward l-ewwel serqa kien ikkonfermali li l-ammont kien ta' €75.55 u iktar tard ser jixhed u ħa jippreżenta l-invoice li kienu ħarġu ta' l-affarijiet misruqa. Rigward it-tieni serqa għadna għaddejjin, għaliex ridna nittrejsjaw l-manager min kien duty dakinhar, inzertajna kellimnieh il-bieraħ stess u għandu jitla' jixhed darb' oħra. Xtaqna wkoll nippruvaw nittrejsjaw xi filmati tal-Lidl, però wieħed laħaq tħassar u l-ieħor għal xi raġuni l-filmat ma ħariġx*[36]*.*

**L-Ispettur Mario Xiberras** xehed illi: *kelli wkoll rapport ieħor ta' xi serqiet mil-Lidl tal-Mosta. Ir-rapport kien daħal fil-25 ta' Lulju ta' din is-sena minn ċertu Mark Milovic (passport number 224400A) li kien jaħdem bħala security tas-Signal 8 fil-Lidl tal-Mosta. Dan irrapporta fl-għassa tal-Mosta fejn kien qalli li xi xahar ilu jiġifieri fix-xahar ta' Ġunju, waqt li kien xogħol fil-Lidl dan ra raġel li ma kienx jaf min hu u raħ ħiereġ bi 3 basktijiet b'oġġetti ta' l-ikel iżda malli dan il-persuna mhux*

---

[33] Dok. "GJ4" a fol. 75 tal-proċess.
[34] Dok. GJ5" a fol. 76 tal-proċess.
[35] Dok. "GJ6" sa' Dok. "GJ8" a fol. 77 sa' 79 tal-proċess.
[36] Xhieda mogħtija fit-8 ta' Awwissu 2019, fol. 60 sa' 64 tal-proċess.

*maghruf kien ra lis-security ġej lejħ, ħalla l-basktijiet hemmhekk u ħarab jiġri. Kien hemm il-manager ukoll li kien iċċekkja l-basktijiet x'kien fihom. Kien fihom oġġetti tal-ikel li kienu jammontaw għal madwar €300. Kont kellimt ukoll lil dan is-security Mark Milovic, konna morna kellimnieh fuq ix-xogħol ukoll, kien irrapporta wkoll illi fil-25 ta' Lulju ghall-habta tal-5:00pm waqt li rega' kien xoghol il-Lidl tal-Mosta, reġa' ra lil dan ir-raġel l-istess bħal ma kien rah xahar ilu, kien quddiem il-kaxxiera, kien b'xi baskett li wara rriżulta li go dan il-baskett kellu oġġetti li jammontaw għal xi €75/€76. Mark Milovic peress li kien għarfu kien waqqfu, kien talbu l-irċevuta u dan ir-raġel kien qallu li l-irċevuta kien ramiha fid-dustbin. Mark Milovic talab lil dan ir-raġel sabiex jiftaħlu l-baskett fejn dan ir-raġel irrifjuta. Qallu li kien se jċempel lill-pulizija fejn malli qallu hekk ħalla l-baskett hemmhekk u ħarab jiġri. Mark Milovic ukoll kien għaddielna xi ritratti ta' dan ir-raġel qed isuq karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni DCJ-493 fejn anke kien tana xi incident report li jagħmlu huma bħala security. Fis-26 ta' Lulju inħareġ mandat mill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Caroline Farrugia Frendo rigward dawn ir-rapporti u dakinhar stess għall-ħabta ta' 12:00pm/12:30pm, PS90 u PC1191 li huma xogħol miegħi arrestaw lil Anthony Borg mill-flat fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, kien ġie l-uffiċċju tiegħu, konna hadnielu l-intervista, qabel ma ħadnielu l-intervista ġie mgħarraf bid-drittijiet legali tiegħu fejn dakinhar kien irrifjuta li għall-waqt u qabel l-interrogazzjoni kien irrifjuta li jkellem lill-avukat tal-għazla tiegħu. Aħna konna ħadnielu d-dikjarazzjoni wkoll. Is-Sur Anthony Borg kien irrilaxxa stqarrija rigward dawn ir-rapporti li jiena ppreżentajt u li qiegħda a fol. 22A. … Rigward is-serq l-ieħor li kien hemm tal-Lidl tal-Mosta, rigward l-ewwel serqa ta' Ġunju ma kien jiftakar xejn. Rigward it-tieni serqa qalli li hu kien jaf li kellu xi jgħid ma' xi security fejn qalli li dan is-security talbu l-irċevuta rigward l-affarijiet li kien ħa ġo dak il-baskett li dakinhar tat-tieni serqa kienu jammontaw għal €76 u kien qallu li mingħalih kienet ħallset ommu. Meta jiena kont staqsejt lil ommu waqt l-intervista tagħha u hi kienet ċaħdet illi dakinhar kienet miegħu. Dakinhar ukoll Mark Milovic tas-Signal 8 li kien jaħdem fil-Lidl tal-Mosta kien ħadlu xi ritratti fejn jidher ċar in-numru ta' reġistrazzjoni tal-karozza li kien DCJ-493. Konna wkoll erġajna morna u kellimna lil dan Mark Milovic fuq il-post tax-xogħol fejn urejnielu 9 ritratti fejn wieħed minnhom kien hemm is-Sur Anthony Borg li kien għarfu mill-ewwel u kien qalli li hu kien*[37].

**Marco Milovic** iddikjara li huwa jaħsem ġewwa l-LIDL Supermarket tal-Mosta u dwar il-każijiet li kellmuh dwarhom il-Pulizija ddikjara li *I stayed near cash 11, then I saw one man passing from cash 4 or 3, I don't know exactly where and I asked him, "can you show me your bill?" and he told me that he had put the bill in the rubbish. Then I asked him, "can you show me your bag?"and he told me, "no, no, no." I told him, "I will call the Police," and he told me, "my bill is everything ok." Then I told him, "can you give me your bag?" and they gave me the bag and I went with him to see where is his car to take some pictures and the I went to the Lidl Mosta with the bag and called the supervisor. Then the supervisor passed the items and they called the Police.* Mistoqsi jispjega għalfejn waqfu Marco Milovic wieġeb *because last month or two months I remember his face because he passed with three full bags* u mistoqsi dwar din l-okkazzjoni preċedenti wieġeb *I and my supervisor saw him passing with three bags and he can't pass with three bags because one*

[37] Xhieda mogħtija fil-5 ta' Settembru 2019, fol. 150 sa' 153 tal-proċess.

*person who work at the cash stopped him. Then he went out from Lidl Mosta. ... Last time with three bags but this time he went from Lidl Mosta with the bag but outside I took the bag*. Mistoqsi meta ġraw dawn il-każijiet Marco Milovic wieġeb *first date I think 21st June and second date Sunday 26th July, ...Yes this year* [2019] *from Lidl Mosta*. Mistoqsi f'liema vettura ra lil persuna titlaq huwa wieġeb *Toyota Yaris and I think green colour. I have pictures*. Muri r-ritratti Dok. "GJ5" sa' Dok. "GJ8" a fol. 76 sa' 79 tal-proċess, Marco Milovic ikkonferma li dawk huma r-ritratti li kien ħa hu. Mistosqi meta ħa l-istess ritratti huwa wieġeb *on Sunday 26th July, this is a green Toyota Yaris which was in the car park and he went in the car park*. Waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019 Marco Milovic għaraf lill-imputat bħala r-raġel involut fiż-żewġ każijiet imsemmija minnu u mill-ġdid għaraf ir-ritratt ta' l-imputat fuq id-dokument Dok. "GJ 4" a fol. 75 tal-proċess[38].

**Jonathan Fenech** xehed illi: *Jiena naħdem bħala Operations Manager ma' Signal 8 Security*. Mistoqsi x'ġara fir-rigward tar-rapport li għamlu mal-Pulizija, huwa wieġeb: *jiena kont qiegħed on duty bil-mobile tal-kumpanija ovvjament il-Ħadd. ... Jekk mhux sejjer żball is-27 ta' Lulju. Bażikament infurmani s-security li kelli dakinhar on duty il-Lidl tal-Mosta fejn qalli li nqabad bniedem ħiereġ b'xi affarijiet li ma ħallasx għalihom minn ġol-Lidl. ... L-indirizz bl-amment ma nafux imma naf li l-Lidl tal-Mosta. ... Is-security li kelli on duty dakinhar Marco. ... Min-naħa tiegħi qabbadt lis-security ovvjament jinforma lill-istore manager tal-Lidl u minn dak il-ħin infurmaw lill-Pulizija u ħadu over il-Pulizija. ... as such ma kontx involut, just hija policy tal-kumpanija li meta security minn tagħna jaqbad xi serqa jew ikun hemm suspett jinfurmawna*[39].

**Ayrton Micallef**, li fiż-żmien kien Assistant Manger ġewwa l-LIDL tal-Mosta, xehed illi: *Jiena kont qiegħed xogħol dakinhar, ġie s-security fuqi ... fil-21/07. Kien ġie s-security fuqi u qalli li qabad lil xi ħadd ħiereġ b'baskett mimli laħam. Jiena imbagħad ovvjament għaddejt kollox fuq il-cash u għandi r-receipt ta' l-affarijiet*. Mistoqsi jekk kienx ra lil dan ir-raġel li allegatament ħa l-laħam, Ayrton Micallef wieġeb *le just qalli li mar jigri barra u qalli li ha xi ritratti tal-karozza u uriehomli*. Dwar il-proċedura kif għadda l-laħam wara li ġie mogħti l-baskett mis-Security Ayrton Micallef spjega: *aħna ngħaddu l-items kollha fuq il-cash imbagħad nagħmlu r-receipt void biex inkunu nafu t-total ta' l-oġġetti. ... fis-sens għaddew minn cash li kienet magħluqa*. Mistoqsi: *jiġifieri intom qatt ma kellkom record, ma telgħalkomx jew ma vverifikajtx jekk telgħalkomx xi record li kienu għaddew jew le?* Ayrton Micallef wieġeb *le m'għaddewx zgur*[40]. Huwa esebixxa r-riċevuta imsemmija minnu u tinsab markat bħala Dok. "EM" a fol. 95 tal-proċess. Minn din l-irċevuta datata 21 ta' Lulju 2019, jirriżulta li l-laħam li kien hemm fil-baskett kien għall-valur komplessiv ta' €75.55. Jirriżulta wkoll li din l-irċevuta ġiet *voided*.

**Keith Farrugia**, Assistant Manager il-LIDL tal-Mosta, xehed illi *jiena kont hiereġ mill-uffiċċju u ġiet tgħarrafni waħda mill-kaxxiera tagħna għax kien hemm xi ħadd li pprova jisraq. Sakemm mort biex nara l-cash, kien laħaq ħareġ. Dak il-ħin tfaċċa s-security u morna barra biex naraw x'ġara u meta morna sibna l-persuna min hu imma meta morna fuqu ma kellu xejn fuqu. Staqsejnieh jekk kellux xi ħaġa u qalilna,*

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 86 sa' 89 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 90 u 91 tal-proċess.
[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 92 sa' 94 tal-proċess.

*"jiena m'għandi xejn, mhux tarawni ndur barra qiegħed." Imbagħad sakemm ħriġt u dħalt minn ġewwa qaluli l-istorja eżatt. Il-kaxxiera qaltli li kien hemm dan ir-raġel li pprova joħroġ bi tliet basktijiet b'xirja. Kif ġbidnilu l-attenzjoni telaqhom u telaq 'il barra.* Mistoqsi x'kien fihom dawn il-basktijiet, Keith Farrugia wieġeb *xi laħam, promotions kien hemm imma ma nafx eżatt. Kien hemm ammont naqra sew ta' laħam, xi ħwejjeġ.* Muri r-ritratti a fol. 118 sa'121 tal-proċess, Keith Farrugia wieġeb *dawk huma* u kkonferma li dawk ir-ritratti kien ħadhom hu. Mistoqsi dwar id-data meta seħħ dan il-każ, Keith Farrugia wieġeb *ma nafx ngħidlek eżatt, ma niftakarx. … Jekk ħa ngħidlek inkun qed nigdeb imma ilu xi xaharejn imma m'għandix amment.* Huwa għaraf lill-imputat preżenti fl-awla bħala l-persuna involuta f'dan l-inċident partikolari. In kontro-eżami Keith Farrugia ddikjara ulterjorment illi *morna fuqu u staqsejtu jekk għandux xi affarijiet jew ħax xi affarijiet. … fil-fatt qalli, "jiena m'għandi xejn; nistenna hawn barra qiegħed." … Jiena ma rajt xejn* u ddikjara li dak il-ħin x'ħin kellmu lill-imputat, huwa, ossia l-imputat kien qed idur fil-parking. Kompla jispjega illi: *jiena imbagħad dħalt biex nara x'ġara eżatt għax il-kaxxiera ma fhimthomx sew għax għandna lanquage barrier għax Taljani u hekk u dħalu u għedtilhom x'ġara eżatt u qaluli, "hawn il-basktijiet u kien ħa jipprova joħroġ ihom minn quddiem cash."* Mistoqsi hemmx cameras u jekk dakinhar infurmawx lill-Pulizija b'dan il-każ Keith Farrugia ddikjara: *iva bħala cameras suppost kienu qegħdin jaħdmu dakinhar. … Le għax dakinhar ma konniex irrappurtajnieha just żammejna aħna l-management bejnietna biex nogħqodu attenti għax ġie dan ir-raġel u pprova jisraq dawn l-affarijiet imbagħad hekk ġara ġie s-security u kien qabdu[41].*

**PS1300 Julian John Fenech** xehed illi nhar il-25 ta' Lulju 2019 meta kont xogħol ġewwa l-Għassa l-Mosta, għall-ħhabta tad-disgħa u kwart, ġie jirrapporta ċertu Marks Milovic fil-kapaċità tiegħu ta' security ġewwa l-Lidl, Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, fejn spjega li madwar xi xahar qabel kien hemm persuna mhux magħrufa li pprova jieħu basktijiet mimlijjin prodotti ta' l-ikel minn hemm ġewwa li ma kienx ħallas għalihom. Hu spjega li meta marru fuqu s-securities, dan ħallihom fl-art u ħarab. Hu stqarr li dakinhar m'għamlux rapport u kkalkula li l-basktijiet kien fihom madwar tliet mitt Euro f'oġġetti ta' l-ikel. Hu spjega li nhar il-21 ta' Lulju, jiġifieri tliet ijiem qabel, hu ra l-istess persuna ħierġa b'baskett u ma marritx lejn il-cash register tħallas, mar fuqu, ikkonfrontah qallu li kien ħallas u talbu l-irċevuta. Qallu li kien ramiha, qallu biex jiftaħ il-baskett u beda jirrifjutalu u meta qallu li kien ser iċempel lill-Pulizija, dan tefa' l-baskett fl-art u ħarab jiġri 'l barra. Huwa ġera warajh, irnexxielu jeħodlu n-number plate tal-karozza u ppreżentali anki ritratt. Din il-vettura kienet DCJ493 u ħadlu ritratt tagħha mill-ġenb. Jiena meta ċċekjajt il-vettura sibt li hija reġistrata fuq ċertu Anthony Borg li meta urieni r-ritratt ikkonfrontajtu għaliex lil Anthony Borg nafuh fuq xogħolijiet oħra. Jiena imbagħad kont ser noħroġ lill-persuna wanted meta mbagħad ġejt infurmat li tressaq minn Spettur tas-CID. PS1300 Julian John Farrugia ppreżenta r-rapport relattiv, Dok. "BX" a fol. 208 u 209 tal-proċess u wkoll għaraf lill-imputat waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019[42].

**Stephen Cachia,** rappreżentant ta' Transport Malta, xehed illi: *ġejna mitluba biex nagħmlu riċerka fuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCJ 493. Mir-riċerka li*

[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, fol, 115 sa' 117 tal-proċess.
[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, fol. 110 u 111 tal-proċess.

*għamilt jirriżulta li l-vettura hija ta' l-għamla Toyota Yaris ta' kulur aħdar. Din il-vettura hija reġistrata fuq Anthony Borg detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 260783M u din il-vettura ilha hekk reġistrata mill-15 ta' Marzu 2019. Qed nippreżenta d-dokumentazzjoni li għadni kif xehedt dwarha li qed tiġi mmarkata bħala Dok."TM"*[43].

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta b'mod ċar li l-persuna involuta fiż-żewġ inċidenti ma' Marco Milovic ġewwa l-LIDL Supermarket tal-Mosta kien l-imputat Anthony Borg. L-imputat fil-fatt ġie rikonoxxut minn Marco Milovic, Security fl-imsemmi Supermarket, kemm fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019. Apparte minn hekk meta fit-tieni okkażjoni Marco Milovic ħareġ jiġri wara r-raġel in kwistjoni dan rah jirkeb ġo u jitlaq minn fuq il-post b'vettura li rriżultat li hija di proprjetà ta' l-imputat. Jirriżulta wkoll li dawn l-inċidenti nqalgħu fil-21 ta' Lulju 2019 u madwar xahar qabel f'Ġunju 2019.

Jiġi osservat li għalkemm fix-xhieda tiegħu Marco Milovic qal li sa' fejn jiftakar hu it-tieni każ seħħ fis-26 ta' Lulju 2019, mill-provi l-oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li fil-fatt dan it-tieni każ seħħ fil-21 ta' Lulju 2019 u mhux fis-26 ta' Lulju 2019. Fil-fehma tal-Qorti prova ferm importanti fir-rigward huwa ir-rapport li sar mill-istess Marco Milovic ma' l-Għassa tal-Mosta fil-**25 ta' Lulju 2019**[44]. Ladarba ir-rapport dwar iż-żewġ inċidenti li fihom kien involut l-imputat sar fil-25 ta' Lulju 2019, kjarament jirriżulta li dawn seħħew qabel dik id-data u ċertament qabel is-26 ta' Lulju 2019. Mill-imsemmi rapport jirriżulta li Marco Milovic irrapporta illi *madwar xahar ilu waqt li kien xogħol ġewwa l-LIDL kien ġie raġel mhux magħruf fejn dan prova jisraq 3 basktijiet bl-oġġetti ta' l-ikel, izda meta dan il-persuna mhux magħrufa kien ra s-securities ġejjin lejh huwa ħalla l-basktijiet warajh u ħarab jiġri. Meta l-manager iċċekkja l-oġġetti li kien ser jisraq dawn ammontaw għal madwar 300.00 Euros. Hu spjega li dakinhar ma kienux għamlu rapport mal-Pulizija. Il-kwerelant stqarr li fil-21/07/2019 għall-ħabta tal-17:00hrs waqt li kien xogħol ġewwa LIDL huwa reġa ra l-istess raġel li kien għadda minn quddiem il-kaxxiera u dan baqa' sejjer direzzjoni lejn il-bieb li jagħti għal barra. Marks Milovic waqqaf dan il-persuna mhux magħrufa, fejn huwa ġie mitlub jipproduċi l-irċevuta u dan ir-raġel qallu li kien remiha fid-dustbin. Huwa ġie mitlub jiftaħ il-baskett li għandu fejn dan irrifjuta, imbagħad Milovic qallu li kien ser iċempel il-Pulizija u malli qallu hekk, ħalla l-baskett hemm u telaq jiġri 'l barra. Milovic mar warajh u rah qed jirkeb vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DCJ-493 u rnexxielu jeħodlu xi ritratti. Hu spjega li fl-imsemmi baskett kellu prodotti tal-laħam li jammontaw għal 76.00 Euros*[45].

Minn dak irrappurtat minn Marco Milovic ftit jiem biss wara li seħħ it-tieni każ, ossia dak f'Lulju 2019, jirriżulta li appuntu t-tieni inċident ma' l-imputat inqala' fil-21 ta' Lulju 2019. Prova oħra li turi b'mod ċar li t-tieni inċident inqala' fil-21 ta' Lulju 2019 hija x-xhieda ta' Ayrton Micallef u l-*voided receipt* esebita minnu bħala Dok."EM" a

---

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, fol. 99 tal-proċess u dokument a fol. 100 sa' 105 tal-proċess.
[44] Fol. 112 sa' 114 tal-proċess.
[45] Fol. 113 u 114 tal-proċess.

fol. 95 tal-proċess. Dan Ayrton Micallef iddikjara li *fil-21/07 kien ġie s-security fuqi u qalli li qabad lil xi ħadd ħiereġ b'baskett mimli laħam. Jiena imbagħad ovvjament għaddejt kollox fuq il-cash u għandu r-receipt ta' l-affarijiet*[46]. Din l-irċevuta hija Dok. "EM" a fol. 95 tal-proċess u hija datata 21 ta' Lulju 2019.

Stabbilit li l-imputat kien fil-fatt involut f' żewġ inċidenti ġewwa l-LIDL Supermarket tal-Mosta, fejn inaqab ħiereġ b'basktijiet mimlijin affarijiet li ma kienx ħallas għalihom, u li dawn l-inċidenti seħħew f'Ġunju 2019 u fil-21 ta' Lulju 2019, jeħtieġ issa jiġi determinat jekk l-imputat jistax u għandux, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jinstab ħati ta' serq aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Marco Milovic jirriżulta li f'entrambe l-okkażjonijiet meta l-imputat inqabad b'basktijiet mimlijin prodotti mhux imħallsa huwa kien ġia qabeż il-cash points u twaqqaf milli jitlaq 'l hemm bl-affarijiet bl-intervent ta' l-impjegati tas-Supermarket u ta' l-istess Milovic. Hija teorija prevalenti fis-sistema ġuridika nostrali li l-*contractatio* tissussisti meta l-oġġett ikun ittieħed mill-kontroll effettiv ta' sidu, ħaġa li l-imputat kjarament għamel fil-każ in eżami fil-mument li ħa l-oġġetti mill-iskafef fejn kienu u għadda l-cash points bihom mingħajr ma ħallas għalihom.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Moumen Troure, Kump. Nru. 504/15** pronunzjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Novembru 2015, fejn iċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu simili għal dawk odjerni. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti osservat illi *anke hawn il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li l-imputat ħa diversi prodotti, u baqa' ħiereġ mill-cash points mingħajr ma ħallas; kien biss l-intervent ta' Samantha Cutajar li waqqfet lill-imputat milli joħroġ mis-supermarket. Għandu jiġi sottolineat li fil-mument li Cutajar waqqfet lill-imputat biex titolbu jekk huwa kellux riċevuta huwa kien għadda il-cash points u għalhekk l-intenzjoni tiegħu li jibqa' ħiereġ mingħajr ma jħallas hija indubbja. Però fil-mument li Cutajar waqqfitu huwa kien għadu ma ħariġx mis-supermarket. Għalhekk hija leġittima l-mistoqsija jekk l-imputat jistax jinstab ħati ta' serq ikkunsmat jew tat-tentattiv tiegħu. Illi hemm diversi teoriji dwar f'liema mument il-contractatio ta' oġġett mobbli jista' jingħad li huwa komplet partikolarment meta si tratta ta' oġġett mobbli li ttieħed minn ġo proprjetà immobbli. Dawn it-teoriji kollha ġew trattati mill-awturi inkluż il-Professur Sir Anthony Mamo. Jidher li l-opinjoni prevalenti hi li tissussisti l-contractatio meta l-oġġett ikun ittieħed mill-kontroll effettiv ta' sidu. Fil-każ in eżami u ladarba l-imputat kien qabeż il-cash points il-Qorti hija tal-fehma li anke dan l-element ġie pruvat.*

Ma għandu jkun hemm ebda dubju wkoll li anke l-elementi l-oħra kollha li jikkostitwixxu r-reat ta' serq, ossia l-fatt li ttieħdu oġġetti appartentni lil terzi, liema teħid sar b'mod frawdolmenti, mingħajr il-kunsens tas-sid u b'animo lucrandi, li ġie trattata f'dettal iktar 'l fuq f'din is-sentenza, jinsabu pruvati u sodisfatti f'dan il-każ, bil-konsegwenza għalhekk li l-imputat huwa kjarament ħati ta' reat ta' serq.

---

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 92 sa' 94 tal-proċess.

Jiġi ribadit li l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur li a tenur ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jissussisti meta *l-ħaġa misruq tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).* Mill-provi prodotti però dan l-aggravju ma jissussistix stante li l-unika prova konkreta li saret dwar il-valur hija fir-rigward tas-serqa li seħħet fil-21 ta' Lulju 2019 fejn il-valur ta' l-oġġetti kien ta' €75.55[47]. In kwantu rigwarda s-serqa preċedenti li seħħet f'Ġunju 2019 għalkemm dwarha xehed Keith Farrugia, Assistant Manager ta' LIDL Supermarket, u mistoqsi x'kien hemm fil-basktijiet li kellu l-imputat iddikjara *xi laħam, promotions kien hemm imma ma nafx eżatt. Kien hemm ammont naqra sew ta' laħam, xi ħwejjeġ,* huwa ma tax prova tal-valur ta' l-oġġetti in kwistjoni. Għalkemm huwa għaraf l-oġġetti li ittieħdu mill-imputat fir-ritratti a fol. 118 sa' 121 tal-proċess, minn tali ritratti biss il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tasal għall-valur tagħhom għaliex jekk tagħmel hekk tkun biss qiegħda tispekula u tassumi l-valur ta' l-istess.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputat jista' biss jiġi misjub ħati ta' serq sempliċi a tenur ta' l-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti tqis li f'dan il-każ ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat ossia r-reat ta' serq aggravat u r-reat ta' serq sempliċi għandhom jitqiesu bħala reat kontinwat u b'hekk japplika dak provdut fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparte minnhekk peress illi fil-każ tas-serqiet in kwistjoni r-refurtiva fl-ewwel każ ġiet ritornata lil Mr. Mark Formosa u fit-tieni każ, ossia ż-żewġ serqiet mill-LIDL Supermarket, l-imputat ħalla l-oġġetti hemm, u dan kollu seħħ qabel ma tressaq il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena għandu japplika dak provdut fl-Artikolu 337(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-raba' akkuża:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fit-18 ta' Lulju 2019, li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali ta' €8,500.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mid-dokument Dok. "MX9" a fol. 225 tal-proċess, li huwa vera kopja ta' digriet datat 18 ta' Lulju 2019, jirriżulta li fl-imsemmija data l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dana verso depożitu ta' €3,500 u garanzija personali ta' €5,000. Fir-rigward l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer xehed illi: *dakinhar ta' l-10 ta' Lulju tas-sena 2019, jiena u l-Ispettur Godwin Scerri konna ressaqna b'arrest lil Anthony Borg li qed nagħraf hawnhekk fl-awla fuq numru ta' serq min-naħiet ta' San Ġiljan kif ukoll min-naħiet ta' San Pawl il-Baħar quddiem il-Maġistrat Dr. Neville Camilleri. Sussegwentement, il-Maġistrat ma kienx tah il-bail u l-każ kien ġie quddiem il-Maġistrat Audrey Demicoli għat-18 ta' Lulju tas-sena 2019 fejn dakinhar il-Maġistrat Demicoli rrilaxxat lil Anthony Borg fuq numru ta'*

[47] Xhieda ta' Ayrton Micallef mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019, fol. 92 sa' 94 tal-proċess u dokument Dok. "EM" a fol. 95 tal-proċess.

*kundizzjonijiet li kellu jżomm magħhom.* Mistoqsi dwar id-dokument a fol. 225 tal-proċess l-Ispettur Balzan Engerer wieġeb *iva nikkonferma li huwa l-istess ħelsien mill-arrest ta' Anthony Borg li ngħata mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it-18 ta' Lulju tas-sena 2019 fejn jiena kont preżenti għal dan il-ħelsien mill-arrest*[48].

Ladarba l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur u tar-reat ta' serq sempliċi - kif determinat iktar 'l fuq f'din is-sentenza - isegwi li huwa effettivament kiser waħda mill-kondizjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-Digriet tat-18 ta' Lulju 2019, ossia l-kondizzjoni li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. B'hekk l-imputat huwa ħati tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Fid-dawl ta' tali sejbien ta' ħtija, il-Qorti tqis li għandha tilqa' u takkorda t-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat u għar-ri-arrest mill-ġdid tiegħu u għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma komplessiva ta' €8,500.

**Il-ħames akkuża:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti ta' Malta, presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D. nhar il-5 ta' Marzu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg et" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Marzu 2019[49], minn liema jirriżulta li l-imputat odjern flimkien ma' terza persuna kien tressaq il-Qorti akkużat talli fit-12 ta' Frar 2019 għall-ħabta tas-1:30 ta' filgħodu minn ġewwa garaxx numru 64, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, ikkommettew serq għad-dannu ta' Alfredo Mallia, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur bi ksur ta' l-Artikoli 263, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u talli fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu tat-12 ta' Frar 2019 fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, bil-ħsieb li jisirqu minn ġewwa garaxx Nru.62, urew dan il-ħsieb, b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u dan għad-detriment ta' Gaetano Bonnici bi ksur ta' l-Artikoli 41(1), 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dawk il-proċeduri l-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' ħtija tittratta ma' l-imputati bħala reċidivi a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'dik is-sentenza, in segwitu għal ammissjoni da parte taż-żewġ imputati, il-Qorti tat is-segwenti deċiżjoni: *wara li rat l-Artikoli 17, 41(1)(a), 49, 50, 263, 270, 278(1)(2) u*

---

[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, fol.
[49] Dok. "MX8" a fol. 215 sa' 224 tal-proċess.

*289 tal-Kap.9 issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tagħhom u tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputati jitqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal tliet (3) snin millum…* Minn dan jirriżulta għalhekk li fil-5 ta' Marzu 2019, l-imputat odjern kien fil-fatt tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza.

L-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar dikjarazzjoni ta' ħtija wara ordni jipprovdi li: *jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perijodu ta' probation jew matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti - (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat; (b) jekk tkun qorti differenti, għandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjoni tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat; (2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-Artikolu 22(1); (3) Is-subartikolu (2) m'għandux japplika meta r-reat magħmul matul il-perijodu ta' probation jew matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjarata ħatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omiċidju involontarju, jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà; (4) Għall-fini tas-subartikolu (1) - (a) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Minorenni għandhom jitqiesu bħala l-istess qorti; (b) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta tkun qegħda taqta' appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Minorenni għandu jitqies li jkun qorti differenti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-determinazzjoni ta' appelli għal deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali.*

A tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, ladarba l-imputat qed jinstab ħati bil-kummissjoni ta' reati, liema reati ma humiex ta' natura involontarja, tul il-perijodu ta' l-Ordni ta' Probation li tqiegħed taħtu fil-5 ta' Marzu 2019, din il-Qorti għandha tittratta ma' l-istess imputat għar-reati li dwarhom huwa kien tqiegħed taħt tali Ordni ta' Probation.

**Reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni in fine titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor*. L-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor*. L-Artikolu 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha minn grad sa' tliet gradi…*

Huwa prinċipju ġuridiku assodat li *għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva*[50].

Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni esebiet kemm il-fedina penali ta' l-imputat[51] kif ukoll diversi sentenzi, minn liema s-segwenti huma rilevanti għall-finijiet ta' reċidiva: Il-Pulizija v. Anthony Borg, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2009[52], Il-Pulizija v. Peter Borg et, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' April 2010[53] u Il-Pulizija v. Anthony Borg et, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Marzu 2019[54]. B'referenza għall-ewwel sentenza tas-16 ta' Novembru 2009 il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lill-Assistent Kummissarju Stephen Mallia u lill-Assistent Kummissarju Ramon Mercieca li entrambe ikkonfermaw li dik is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri li ġie minnhom rikonoxxut waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019[55]. Is-sentenzi tas-7 ta' April 2010 u tal-5 ta' Marzu 2019 ukoll jirriżultaw li ngħataw fil-konfront ta' l-imputat odjern in kwantu l-konnotati fihom indikati jaqblu mal-konnotati tiegħu kif mogħtija f'dawn il-proċeduri u kif ikkonfermat ukoll mill-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid esebit a fol. 6 tal-proċess.

Mill-imsemmija sentenzi u mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li l-akkużi odjerni huma r-raba' kundanna fil-konfront ta' l-imputat għal reati li jaqgħu taħt is-

[50] Il-Pulizija v. Paul Abela, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Joseph Grech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2017.
[51] Fol. 7 sa' 16 tal-proċess.
[52] Dok. "MX3" a fol. 161 sa' 177 tal-proċess.
[53] Dok. "MX4" a fol. 178 sa' 198 tal-proċess.
[54] Dok. "MX8" a fol. 215 sa' 224 tal-proċess.
[55] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019, fol. 256 u 257 tal-proċess.

Subtitolu I tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia reati ta' serq.

Minn dan osservat għalhekk kjarament jirriżulta li l-imputat għandu jitqies li huwa reċediv a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konlużjoni:**

Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a), 284, 285, 289, 337(2), 579(2),(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu kif ukoll tar-reat ta' serq sempliċi minn ġewwa l-istabbiliment LIDL fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, fil-21 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel, u tat-tielet akkuża dedotta kontrih u filwaqt li tittratta miegħu bħala reċediv tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

A tenur ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-dawl tat-talba imressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat bid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fit-18 ta' Lulju 2019 u tordna r-ri-arrest immedjat tiegħu u tordna wkoll li l-garanzija fl-ammont ta' €8,500 tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a),(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b),(f), 263, 270, 278(1),(2) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-ħames akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tittratta miegħu, inkluż bħala reċediv, għar-reati li għalihom kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation fil-5 ta' Marzu 2019 billi tikkundannah għal perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

B'dana għalhekk li l-imputat qed jiġi kkundannat għall-perijodu komplessiv ta' sitt (6) snin priġunerija effettiva.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**